**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz. numru 1822/99JR**

**Suzanne Livori**

**vs**

**Doris Aquilina**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Novembru, 1999, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00), nofs il-valur ta' l-istock li hemm fil-hanut "Oranges and Lemons" f'51 Tower Street, Mosta, ta' liema hanut l-attrici kellha l-gestjoni flimkien mal-konvenuta;**

**Ghalkemm interpellata biex tersaq ghall-hlas dovut permezz ta' ittra legali datata 8 ta' Novembru, 1999, l-konvenuta baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-avviz.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fis-6 ta' Marzu, 2000, fejn intqal li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attrici ma kienetx tiggestixxi l-hanut "Oranges & Lemons", 51 Tower Street, Mosta, flimkien mal-konvenuta, liema hanut bl-istock ta' go fih jappartjeni u huwa proprjeta` tal-konvenuta;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ra l-kontro-talba prezentata mal-istess risposta fejn intalab il-hlas ta mija u tmintax-il lira Maltija u tmenin centezmu (Lm118.80), flus appartenenti lill-konvenuta u li kienu destinati bhala hlas lill-terzi, liema flus qed jinzammu mill-attrici illegalment u minghajr ebda titolu.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba, prezentata fl-4 ta' April, 2000, fejn intqal illi t-talba tal-attrici rikonvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub mhux dovut;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Suzanne Livori, Ganni Spiteri, Philip Bugeja, Doris Aquilina, Bertu Aquilina u Raphael Scerri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ra li fis-seduta tat-12 ta' Settembru, 2000, l-attrici ddikjarat li ma kienx hemm kontestazzjoni:**

i. **Dwar li l-hanut kien fil-fatt gie mikri mill-konvenuta f'isimha;**

ii. **dwar xogholijiet li saru u min hallas ghalihom u cioe` li thallsu biss mill-konvenuta.**

**Ra li fis-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2000, gie verbalizzat illi l-partijiet qablu li m'huwiex kontestat illi l-permessi rilaxxati mid-Dipertiment ta' l-Agrikoltura kienu sejhu lill-konvenut. L-attrici irrilevat li kellha permess biex tidhol fil-pitkali pero` mhux bhala "licence holder".**

**Ikkunsidra:**

1. **L-attrici f'din il-kawza qed titlob nofs il-valur ta' l-istock li kien hemm fil-hanut li hi tghid li kellha mal-konvenuta. Il-konvenuta da parti taghha tghid li l-hanut kien taghha biss u l-attrici kienet biss impjegata. Inoltre il-konvenuta qed titlob ammont li kien dovut lil-Pitkali u li nzamm mill-attrici. L-attrici ma tichadx li zammet l-ammont, pero` tghid li dan tirritornah meta tithallas is-sehem taghha.**

2. **Jirrizulta li l-konvenuta kienet fethet il-hanut "Oranges & Lemons", 51 Tower Street, Mosta, u l-hanut kien mikri lilha biss, u dana ghall-perijodu ta' hames snin, skond ma jirrizulta mill-iskrittura, Dok.DA, maghmula ma' John Spiteri fl-14 ta' Marzu, 1998. Hi tterminat il-kirja fid-29 ta' Ottubru, 1999,**

**meta williet il-post lil Raphael Fenech. Il-kera tal-fond imsemmi kienet ta' zewg liri u hamsa u ghoxrin centezmu kuljum u dawn dejjem hallsithom il-konvenuta.**

**Kif xehed Ganni Spiteri:**

> **"Il-ktieb tal-kera kien sar f'isem il-konvenuta peress li kienet giet hi ghall-post. Il-konvenuta kienet tigi bil-kera."**

**Xehed ukoll li:**

> **"Livori qatt ma qaltli biex naghmel il-ktieb tal-kera fuq isimha wkoll."**

**3. Apparti dan l-istess konvenuta kienet hallset rigal lil Spiteri meta hadet il-fond, kif ukoll xtrat xi oggetti minghandhu ghall-hanut. Il-konvenuta kienet ukoll hadet rigat minghand Fenech meta l-post gie mwilli lilhu.**

**Ganni Spiteri xehed hekk:**

> **"Meta bdew il-kera l-konvenuta taghtni rigal. Meta spiccat il-kera il-konvenuta hadet rigal."**

**4. Jirrizulta wkoll li meta hadet il-fond il-konvenuta kienet irrangat l-istess fond a spejjez taghha, skond ma jirrizulta mid-Dok.DA1. Jirrizulat li l-**

**konvenuta meta hadet il-fond, kienet hallset lil Spiteri ghall-bank, mizien, cash register u refrigerator. Jirrizulta li Bertu Aquilina, ir-ragel tal-konvenuta kien ghamel xogholijiet fil-post, fosthom tikhil, tibjid u "points" ta' l-elettriku skond ma kien hemm bzonn.**

5. **Inoltre l-konvenuta kienet tiehu hsieb il-hlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u ilma skond ma jirrizulta mid-Dok.DA4, u tat-telefon skond ma jirrizulta mid-Dok.DA5.**

6. **Jirrizulta wkoll li l-licenzja tal-Pulizija sabiex il-post jinfetah bhala hanut kienet fuq isem il-konvenuta, skond ma jirrizulta mid-Dok.DA3. Hekk ukoll it-"trading licence" mahruga mill-Kunsill Lokali tal-Mosta kienet issejjah lill-konvenuta, Dok.DA3.**

7. **Jirrizulta li fil-fatt l-attrici kienet dahhlet lill-konvenuta biex tahdem maghha. Ma hemmx dubbju minn dak li ntqal li jirrizulta minghajr dubbju li l-gestjoni tan-negozju kien biss f'idejn il-konvenuta, u li l-hanut kien tal-konvenuta.**

8. **Ma jirrizultax li kien hemm ebda ftehim mal-attrici li jaqsmu l-profitti, kif qed tallega l-attrici, u lanqas ma jirrizulta li l-attrici kienet harget xi flus minn butha li ma gewx rifuzi lilha.**

**9. Jirrizulta li l-attrici kienet tahdem "part-time" mal-konvenuta u dana minn Mejju, 1998. Jirrizulta li kien hemm drabi li l-konvenuta ziedet lill-attrici fir-remunerazzjoni meta l-bejgh kien ikun tajjeb.**

**10. Jirrizulta li x-xoghol mal-pitkali kien principalment f'idejn l-attrici, peress li din kienet issuq, pero` r-registrazzjoni mal-pitkali kien f'isem il-konvenuta. Kienet il-konvenuta li kienet iccempel lill-pitkali ghax-xoghol. Fuq il-"voucher" ghall-pitkali kien hemm isem il-konvenuta, u meta l-pitkali, Raphael Scerri, ma thallasx huwa dahar fuq il-konvenuta ghall-hlas. Jirrizulta li l-okkazzjoni li ma sarx il-hlas kient okkazzjoni wahda, cioe` meta l-attrici zammet il-flus tal-pitkali ghandha.**

**Dwar l-ammont mitlub fil-kontro-talba l-attrici qalet hekk:**

> **"Jien nghid li meta thallasni hi ta' nofs l-istock jien inhallsha il-mija u hmistax-il lira u hamsin centezmu (Lm115.50) li qeghdin ghandi."**

**L-attrici ma ghanda ebda dritt li zzomm dawn il-flus ghandha.**

**Ghaldaqstant t-talba attrici ma tirrizultax pruvata, u konsegwentement it-Tribunal qed jichad l-istess talba. Dwar il-kontro-talba tal-konvenuta din tirrizulta pruvata fl-ammont indikat ta' mija u hmistax-il lira u hamsin centezmu (Lm115.50), u**

**konsegwentement it-Tribunal qed jikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenuta is-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm115.50).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-attrici skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**